MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1047/2011

Leo **Micallef u martu Ines Micallef**

**vs**

**Avukat Dottor Kris Busietta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Leo Micallef u martu Ines Micallef, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Fit-2 ta’ Awwissu 2005, gie ffirmat konvenju mill-esponenti u minn ufficjal tas-socjeta’ kummercjali Chain Services Limited, li permezz tieghu (Dok. “A”), l-atturi obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lil Chain Services Limited, li obbligat ruhha li tixtri u takkwista l-Villa bla numru, semi-detached, bil-garage anness u konness, bl-isem “The Rose”, Triq Hal Luqa, Tarxien, ghall-prezz ta’ mitejn u erbghin elf Liri Maltin (Lm240,000), liema konvenju kellu jigi ffirmat mhux aktar tard mis-27 ta’ Jannar 2009.

Fl-20 ta’ Novembru 2008, rapprezentant tal-imsemmija socjeta’ Chain Services Limited informa lill-attur Leo Micallef li ma kinux sejrin jersqu ghall-iffirmar tal-kuntratt finali minhabba li l-valur tal-bini waqa’ u minhabba li l-permess ghall-izvilupp ma harigx.

L-attur Leo Micallef inkariga lill-konvenut Avukat Dottor Kris Busietta biex jivverifika dwar il-hrug tal-permess u biex jipprocedi skont il-ligi sabiex igieghel lis-socjeta’ konvenuta tersaq ghall-kuntratt finali u twettaq il-weghda ta’ xiri.

In esekuzzjoni ta’ dawn l-istruzzjonijiet, fil-15 ta’ Jannar 2009, il-konvenut hejja, iffirma u pprezenta fir-Registru tal-Qorti ittra ufficjali (Dok. “B”) kontra Chain Services Limited, li fiha gie ddikjarat li din l-ittra ufficjali kienet qieghda ssir ‘inter alia’ a tenur tal-artikolu 1357 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-25 ta’ Frar 2009, l-attur hallas lill-konvenut (kif talbu jaghmel) is-somma ta’ elf u tlett mitt ewro (€1,300) fi flus kontanti peress li, kif qallu, ir-Registru ma jaccettax cheques tal-pubbliku, bl-intendiment illi l-konvenut jipprocedi bil-kawza

sabiex igieghel lis-socjeta' Chain Services Limited tersaq ghall-kuntratt finali, u dan qabel ma jaghlaq iz-zmien ta' tletin gurnata.

L-attur informa lill-konvenut li kien ha pariri addizzjonali minghand l-Avukat Dottor Michael Sciriha u minghand l-Avukat Dottor, illum Onorevoli Imhallef, Mark Chetcuti, li t-tnejn kienu nsistew mieghu fuq l-importanza li tigi segwita l-procedura kontemplata fl-artikolu 1357 tal-Kap. 16 u li tigi pprezentata l-kawza fit-terminu prefiss mil-Ligi. Skont il-parir li tah l-Avukat, illum Onor. Imhallef, Mark Chetcuti, jekk l-attur kien issellef flejjes mill-Banek sabiex jixtri u jakkwista t-tieni proprjeta', dan il-fatt kellu jissemma fir-rikors mahluf sabiex is-socjeta' konvenuta jkollha thallas dawn id-danni wkoll u b'hekk ikun kopert. L-attur irrepeta lill-konvenut dak li kienu fissrulu z-zewg legali l-ohra.

F'Marzu 2009, is-socjeta' Chain Services Limited harget mandat ta' sekwestru kontra taghhom biex tiehu lura d-depozitu mhallas fuq il-konvenju. Dak iz-zmien, kopji tal-permessi u tal-pjanti kienu diga' f'idejn il-konvenut. Ftit taz-zmien wara, minhabba li isem l-atturi gie indikat fil-lista ta' debituri pubblikament, erba' (4) suppliers waqfu jfornuh bil-prodotti taghhom, u zewg Banek ghalqulhom il-kontijiet kollha.

Fis-7 ta' Mejju 2009, l-attur ipprezenta rikors ghar-revoka tas-sekwestru u rega' hallas lill-konvenut, din id-darba permezz ta' cheque ta' bintu, is-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) kif ukoll mitejn ewro (€200) fi flus kontanti. Meta t-talba giet revokata, lanqas gie pprezentat appell mill-konvenut kif ried l-attur.

Fis-17 ta’ Gunju 2009, l-attur, huwa u hiereg minn laqgha mal-Managing Director tas-socjeta’ Chain Services Limited fl-ufficcju ta’ 114, The Strand, Tas Sliema, gie wicc’imb’wicc mal-konvenut, li ma kellux jattendi ghas-seduta. Imbaghad, fis-6 ta’ Lulju 2009, l-attur mar ghand il-konvenut u dakinhar il-konvenut qallu li jiddispjacih li kellu jaghmel hekk u li ma kellux alternattiva.

L-attur jinsab f’rovina finanzjarja minhabba li l-konvenut naqas li jipprezenta l-kawza fiz-zmien preskritt mil-ligi, u l-Banek iridu lura l-flus li silfuh biex jixtri t-tieni dar u hu ngieb f’pozizzjoni fejn ma jistax ihallashom lura.

Inoltre, minhabba li l-konvenut naqas li jipprotegihom bl-opportuni proceduri gudizzjarji, Chain Services Limited ipprezentat kawza kontra l-atturi (Rikors mahluf numru 367/09 JRM) sabiex tiehu lura d-depozitu mhallas fuq il-konvenju.

Minhabba l-agir tal-konvenut, l-atturi soffrew danni kbar.

Permezz ta’ Protest ipprezentat mill-atturi fit-22 ta’ Frar 2011 iffirmat mill-Avukat Dottor Alex Sciberras, il-konvenut gie nterpellat biex, minbarra li jirrimborsalhom il-flus li rcieva (fosthom l-imsemmija €1,300) ghal servizzi professjonali li baqa’ ma pprestax, jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi tan-negligenza professjonali tieghu u tal-ksur tal-etika professjonali. Il-konvenut ma pprezenta l-ebda kontro-prtoest.

Il-konvenut rega’ gie interpellat permezz ta’ ittra privata sabiex ihallas id-danni kollha konsegwenzjali ghall-agir tieghu, izda

permezz ta’ ittra mibghutha mill-Avukat Dottor Vincent Galea, ghan-nom tieghu din id-darba, cahad li thallas €1,300 minghand l-attur biex jipprezenta l-kawza skont l-artikolu 1357 tal-Kap. 16 u allega li ma kellux struzzjonijiet “biex jipprezenta l-kawza”. Fl-istess waqt, stqarr li kien ipprezenta ittra ufficjali biex isejjah lil Chain Services Limited biex tersaq ghall-kuntratt izda din la kellha likwidita’ u lanqas assi u kien ghalhekk li abbanduna l-esekuzzjoni tal-weghda ta’ xiri li saret permezz tal-konvenju.

L-attur ma ta l-ebda struzzjonijiet biex jabbanduna l-weghda ta’ bejgh maghmula minn Chain Services Limited permezz tal-konvenju – anzi, ghall-kuntrarju, l-attur insista mal-konvenut li kellu pariri legali minn Dr. Michael Sciriha u minn Dr. (illum Onor Imhallef) Mark Chetcuti, li l-kawza hemm bzonn issir ghaliex altrimenti kien se jkun hemm konsegwenzi serji hafna.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur tassew ta struzzjonijiet lill-konvenut biex jiehu passi ghat-twettiq tal-weghda maghmula fil-konvenju Dok. “A”. Kif turi l-prezentata tal-ittra ufficjali Dok. “B” u zammew fermi l-istess struzzjonijiet.

Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas tal-konvenut li jsegwi l-istruzzjonijiet espressament moghtija lilu mill-atturi kkawza danni konsiderevoli lill-atturi, li, minkejja li hallsu ghal servizzi professjonali lill-konvenut kif mitluba minnu sabiex huwa jimxi skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu, spiccaw bil-konvenju mhux

imwettaq u b'dejn sostanzjali mal-Banek minhabba flus li ssellfu sabiex xtraw it-tieni proprjeta'.

Tiddikjara ghalhekk lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi, inkluz il-prezz tal-Villa, li huma kellhom jinkassaw kif ukoll l-imghaxijiet imhallsa u/jew dovuti minnhom lill-Banek.

Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju tat-22 ta' Frar 2011, u tal-ittra privata tas-27 ta' Settembru 2011; u bl-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' €559,049.62, ekwivalenti ghal Lm240,000, liema somma huma kellhom jigbru u jinkassaw "mhux aktar tard mis-27 ta' Jannar 2009" skont l-imsemmi konvenju u li sal-lum huma ghadhom ma rcevewx b'rizultat tal-agir tal-konvenut, hlief ghad-depozitu msemmi fil-konvenju.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Kris Busietta, li in forza taghha eccepixxa illi:

Fir-rikors mahluf tal-atturi hemm diversi stqarrijiet u dikjarazzjonijiet inveritjieri u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-

kawza. Jinghad biss f'dan l-istadju, specifikatament, izda mhux limitatament:

- Illi mhux il-flejjes kollha li jissemmew fir-rikors promotur ma gew mitluba u/jew versati fl-intier taghhom lill-intimat;

- Illi l-istruzzjonijiet imsemmija fir-rikors promotur ma nghatawx fl-intier taghhom lill-initmat.

L-intimat dejjem qeda u wettaq id-dmirijiet tieghu fir-rigward tar-rikorrenti skont l-ahjar kapacita', professjonalita' u abbilta' tieghu. Il-pariri li nghataw dejjem saru fl-ahjar interess tal-patrocinat tieghu, rikorrenti llum.

L-intimat ma kiser l-ebda obbligu fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentement ma kkawzalhom l-ebda danni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti irid jipprova b'mod konklussiv, il-possibilta' reali li jircievi l-hlas kif pattwit fil-konvenju msemmi fl-eventwali li kien jigi ppubblikat il-kuntratt finali. Dan ghaliex fin-nuqqas ta' tali prova, ir-rikorrenti ma jistghu qatt ragjonevolment u realment javvanzaw pretensjoni ghad-danni.

Ghalhekk, u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li sejrin jitressqu quddiem din il-Qorti, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti; rat dik tal-intimat.

Rat ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri tar-rikorrenti, kif ukoll il-kontro-replika tal-intimat.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, Leo Micallef u martu Ines Micallef qed jipprocedu kontra l-Avukat Kris Busietta ghaliex isostnu illi huwa naqas meta ma pprezentax kawza li huwa nkarigalu jipprezenta. L-Avukat intimat isostni li l-inkarigu qatt ma nghata.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-2 ta' Awwissu 2005, ir-rikorrenti ffirmaw konvenju ma' Chain Services Limited li permezz tieghu, il-partijiet intrabtu, wiehed li jbiegh u l-ohra li takkwista villa f'Hal Tarxien, ghall-prezz miftiehem ta' Lm240,000. Il-kuntratt finali kellu jsir sas-27 ta' Jannar 2009. Fuq dan il-konvenju, is-socjeta' Chain Services Limited hallset depozitu ta' Lm24,000. Fil-15 ta' Jannar 2009, l-Avukat Busietta ghan-nom tar-rikorrenti odjerna pprezenta ittra ufficjali kontra Chain Services Limited sabiex din taddivjeni ghall-kuntratt. Wara din l-ittra ufficjali ma giet ipprezentata

ebda kawza. Ir-rikorrenti jsostnu li huma kienu nkarigaw u hallsu lill-Avukat Biex jiftah il-proceduri, filwaqt li l-avukat isostni li bi ftehim il-kawza ma nfethitx u kellha biss tigi difiza kawza li l-istess Chain Services Limited fethet kontra l-konjugi Micallef ghar-rifuzjoni tas-somma mhallsa bhala depozitu fuq il-konvenju. Ir-rikorrenti jallegaw ukoll li n-nuqqas da parti tal-Avukat wassalhom biex ibatu danni kbar li wassalhom ghad-dizastru finanzjarju.

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati tghallem illi:

"*Premessi dawn il-fatti, hi gurisprudenza pacifika illi r-rapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat. Ara* ***Kollez. Vol. XXIX P I p 617****. Jitnissel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva (****Kollez. Vol. XXIX P II p 968; Vol. XLI P I p 572; "Avv. Dr. Louis Vella et -vs- Direttur tal-Lottu Pubbliku"****, Appell, 8 ta' Mejju 2000)*" ("Scicluna vs Dr. A. Farrugia", deciza fis-6 ta' April 2005).

Jinghad ukoll:

"*Certament il-mandat jista' jinghata anke tacitament, izda kif jidher mid-dottrina citata fis-sentenza tal-Prim'Awla, konfermata minn din il-Qorti fil-kawza "Dr. Borg Grech vs Dr Giuseppe Attard Montalto" u riportata Vol. XL,I, 287, element essenzjali tal-mandat tacitu hi x-xjenza u l-konsapevolezza tas-suppost mandat li affari li jinteressah gie intrapiz minn haddiehor: "elemento essenziale e fondamentale del mandato*

*tacito si e` ... la scienza dello interessato che, avendo possibilita' o dovere, od anche solo ragionevole interesse, di opporsi al complimento dei suoi affari, da altri intrapreso in suo nome e conto, lo tollera in silenzio, costituendo tale silenzio la base di un mandato guridicamente obbligatorio". Il-kompless tal-fatti jrid ikun tali li min jaghmel il-haga ghal haddiehor jista' jippresumi ragjonevolment illi rcieva l-inkarigu minghandu*" ("Fleri vs Nutar Dingli", deciza fis-17 ta' Mejju 1963).

Fil-kaz in ezami, il-vertenza essenzjalment tikkristalizza ruhha fi kwezit wiehed, u cioe', l-ezistenza o meno tal-mandat moghti lill-Avukat biex jiftah proceduri gudizzjarji. Fid-divergenza tal-verzjonijiet tal-partijiet, li, minkejja l-hafna xhieda u dokumenti prodotti mir-rikorrenti, jibqghu l-unici zewg xhieda li jafu ezattament x'gara, il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati f'cirkostanzi simili.

"*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili*" ("Giordmaina Medici vs Rizzo", deciza fit-28 ta' April 2004).

Din il-Qorti ricentement ukoll fil-kawza "Sammut Alessi vs Kanonku Dun Anton Mallia", deciza fl-4 ta' Marzu 2014) ukoll ikkonsidrat illi divergenzi ta' din ix-xorta jesigu skrutinju tac-cirkostanzi kollha sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghal dik ic-certezza morali li tehtieg biex taghti d-decizjoni taghha.

Fil-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti kkunsidrat rilevantissimu s-segwenti cirkostanzi:

Leo Micallef kellu informazzjoni illi Chain Services Limited kellha problemi finanzjarji kbar. Huwa stess jikkonferma li Chris Grech mis-socjeta' kien baghat jghidlu li hu kien dispost jixtri l-proprjeta' biss bil-prezz ta' Lm60,000 minflok Lm240,000.

Jikkonferma fl-affidavit tieghu li meta sema' bil-problemi finanzjarji ta' Chain Services Limited huwa mar l-M.F.S.A. fejn jikkonferma dan.

"*Kien qalli wkoll illi l-kumpanija hija falluta. Kien qalli hekk is-salesman tieghu u fuq talba tal-istess Dr. Kris Busietta jiena kont gibt informazzjoni minghand l-MFSA illi l-kumpanija ma kellhiex flus" (fol. 343-344) u "Mid-dokumenti li kont gibt jiena mill-MFSA wera illi l-kumpanija Chains ma kellhiex flus, pero' Chris Grech kien CEO ta' 30 kumpanija, wahda minnhom hija Dhalia Group of Companies" (fol. 344).*"

Fil-proceduri li nfethu kontrih ghar-rifuzjoni tad-depozitu, sostna hekk fis-sottomissjonijiet finali tieghu:

*"Fil-kaz in dezamina, il-konvenuti ma segwewx din il-procedura biex igeghlu lis-socjeta' attrici takkwista – proprju ghax kienet cara illi Chain Services Limited ma kinitx ser takkwista, u peress li minn ricerki li ghamlu l-konvenuti rrizulta illi l-istess socjeta' ma kellhiex assi, tali azzjoni kienet ser tkun wahda ghalkollox inutili u futili. Kwindi huma ghazlu li ma jestradawx l-azzjoni taghhom entro dawk il-parametri legali.*

*Illi ghalhekk, u minflok ma l-konvenuti ghazlu li jippersisti b'azzjoni li ma kinitx ser trodd il-frott mixtieq, ghazlu d-direzzjoni l-ohra, u cioe', li jirrinunzjaw ghall-azzjoni li biha l-Qorti kienet iggieghel lil Chain Services Ltd tersaq ghall-akkwist, u fuq il-bazi illi s-socjeta' attrici naqset milli tidher fuq l-att finali minghajr raguni valida, il-konjugi Micallef ipprevalew ruhhom mid-dritt li jzommu d-depozitu; dritt naxxenti mill-istess konvenju u li jiskatta proprju in via ta' penali konsegwenti ghall-fatt illi s-socjeta' attrici kisret il-weghda taghha minghajr raguni valida" (fol. 153-154)."*

Dottor Carlo Bisazza, li assuma l-inkarigu li jirraprezenta lil Leo Micallef fil-fuq imsemmija proceduri ghar-rifuzjoni tad-depozitu jixhed hekk:

*"Ghandi nghid illi hu stess kien qalli illi Chains hija falluta u kellu parir iehor illi mhuwiex lok li ssir il-kawza u mhemmx ghalfejn. Ir-raguni illi kien inghata l-parir biex il-kawza ma kellhiex issir kien ghaliex Chains kienet falluta" (fol. 248). Zied jghid li "... sa recentement ghadu jghidli Leo Micallef x'se naghmlu ghax dak m'ghandux flus, stante li hu ma jaghmilx distinzjoni bejn Chris Grech, Dhalia u Chains u naf illi jsibha difficli biex jifhem kif jista' jkun Chains falluta meta Chris Grech mhuwiex" (fol. 248). Zied jghid li "Leo Micallef kien infurmani*

*ukoll illi kienet cemplitlu xi Nutar li qaltlu toqghodx tinhela ghaliex mhemmx flus" (fol. 248)."*

Dottor Alex Sciberras, li wkoll kien gie kkonsultat minn Leo Micallef xehed ukoll illi:

*"Ma pprocedejniex, il-parir taghna kien illi fuq dak li kien hemm kien ha jidhol fi spejjez inutilment jekk jipprocedi" (fol. 289). L-istess Avukat qal ukoll illi: "Is-Sur Micallef lilna kien infurmana wkoll illi hu kien jaf illi Chain Services Limited ma kellhiex l-assi biex tersaq ghall-kuntratt" (fol. 289)."*

Leo Micallef ghadu sal-lum ma jistax jifhem illi Chris Grech personalment ma jistax ikun responsabbli ghal Chain Services Limited li ghandha l-personalita' guridika taghha indipendentement minn kull socjeta' ohra li ghandu interess fiha Chris Grech.

Il-Qorti wkoll tiddubita ferm il-kredibilita' u affidabilita' ta' Leo Micallef meta fil-kawza l-ohra jsemmi danni kawzati fl-ammont ta' €600,000 u finalment f'dawn il-proceduri jispara figura ta' €900,000.

F'dawn ic-cirkostanzi, issir altru milli verosimili l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-Avukat intimat. Kienet tkun ferm interessanti x-xhieda ta' Dottor Patrick Valentino li kien prezenti ghal uhud mid-diskussjonijiet u allura jaf ezatt x'kien il-ftehim bejn il-partijiet. Dan, pero', ma xehdx ghaliex Leo Micallef ma riedx jirrilaxxah mis-sigriet professjonali.

Din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi kif maghrufa dak iz-zmien kien ikun irresponsabbli avukat li jdahhal lill-klijent fi proceduri u spejjez konsiderevoli bil-probabbli rizultat illi dan ikun ordnat mill-Qorti biex jersaq ghat-trasferiment minghajr ebda speranza li jithallas. Ghaqli kien il-parir li ma tqisx mibdija l-kawza.

Il-Qorti tifhem u tapprezza lir-rikorrenti jinsabu f'sitwazzjoni finanzjarjament prekarja ferm. Pero', ghal dan jahtu huma biss ghaliex dahlu ghal self ta' flejjes kbar qabel ma kellhom il-flus f'idejhom. Il-Qorti tinnota li s-self li hadu ma kienx biss ghad-dar tar-residenza taghhom izda huma ssellfu ammonti konsiderevoli ohra ghall-uzu personali taghhom u tal-familjari taghhom. Din il-Qorti hi tal-fehma li permezz ta' dawn il-proceduri qeghdin jippruvaw dak li komunement jissejjah "clutching at straws". Minflok ma jammettu li zbaljaw meta tghabbew b'tant pizijiet, qed jittentaw isallbu lill-Avukat li fic-cirkostanzi, tahom parir l-aktar ghaqli. Il-Qorti ma tistax, finalment, ma tiddeplorax, l-atmosfera ta' theddid kontinwu fil-konfront tal-Avukat intimat (moghtija fil-proceduri ghas-subbasti) u tiddeplora aktar id-disponibilita' ta' kollega li jippartecipa fl-istess. Ghalhekk, l-ewwel talba qed tigi michuda peress illi t-talbiet l-ohra kollha huma konsegwenzjali, il-Qorti mhijiex ser tqishom oltre.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Avukat Kris Busietta, tichad it-talbiet kollha ta' Leo Micallef u Ines Micallef.

L-ispejjez kollha jithallsu minn Leo Micallef u Ines Micallef.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------